**QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE**

**Illum 6 ta' Novembru 2024**

**Mandat Nru: 1619/2024/1 AF**

**Christopher Cortis**

**vs**

**Tarcisio Spiteri,**
**Maria sive Marina Spiteri u**
**Josmar Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Christopher Cortis li permezz tiegħu huwa talab lil din il-Qorti żżomm lill-intimati Tarcisio u Maria Spiteri u binhom Josmar Spiteri milli jaljenaw jew jgħabbu proprjeta\` mmobbli tagħhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati Spiteri.

Semgħet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li tħalla sabiex jiġi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-proċedura, ir-rikorrenti qed jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-familja Spiteri biex iqiegħed fis-sod kreditu li jsostni li għandu. Huwa jikkonferma bil-ġurament illi silifhom tlieta u ħamsin elf Euro (€53,000) u huma ma ħallsuhx lura.

L-intimati, wara li ressqu xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li din il-Qorti qegħda tqis li ma jgħoddux għal din il-proċedura, isostnu li ġaladarba inħareġ ukoll mandat ta' sekwestru fil-konfront tagħhom, il-mandat odjern m'huwiex meħtieġ. Ma nġabet lil din il-Qorti ebda ħjiel ta' prova li l-mandat ta' sekwestru wassal għal xi depożiti biżżejjed li jistgħu jkopru l-kreditu pretiż.

Huma jallegaw ukoll illi s-self *de quo* huwa kolpit bl-użura. Isostnu illi l-ammont mitlub ma jirriflettix il-verita`. X'inhi l-verita` ma jgħidux. Ir-riċerka tal-verita` f'dan il-każ żgur li tmur oltre dak rikjest f'dawn il-proċeduri li huma essenzjalment limitati għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, u ċioe` li l-intimati jidhru li huma debituri dikjarati tar-rikorrenti u m'għandhom xejn x'jagħmlu tajjeb ħlief il-proprjeta` msemmija f'dan il-mandat.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti tqis sodisfatt il-vot tal-liġi kif kostantement interpretat minn dawn il-Qrati.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Christopher Cortis tat-3 ta' Ottubru 2024. Tidderieġi lir-Reġistratur jeffettwa r-reġistrazzjoni meħtieġa skont il-Liġi.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMĦALLEF